MALTA

ATT Nru. IV ta' l-1988

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta.

ACT No. IV of 1988

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Telemalta Corporation Act, 1975.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

PAUL XUEREB
Aġent President

(L.S.)

22 ta' Jannar, 1988

ATT Nru. IV ta' l-1988

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1988 li jemenda l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor.

2. Minflok is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 24 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 24 ta' l-Att prinċipali.

"(4) Is-servizzi li dwarhom Telemalta hi l-awtorità esklużiva taħt l-artikolu 3 ta' dan l-Att għandhom jiġu provduti minn Telemalta lill-Gvern bil-prezzijiet, drittijiet u ħlasijiet preskritti taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, bi skont ta' għoxrin fil-mija.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 61 tad-19 ta' Jannar, 1988.

JIMMY FARRUGIA
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.